

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud kollu kemm hu.
- 2) Volžskij trubnyi zavod OAO (VTZ OAO), Taganrogskij metallurgičeskij zavod OAO (Tagmet OAO), Sinarskij trubnyj zavod OAO (SinTZ OAO) u Severskij trubnyj zavod OAO (STZ OAO) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u minn ArcelorMittal Tubular Products Ostrava a.s., Benteler Steel/Tube GmbH, Dalmine SpA, Productos Tubulares, SA, Rohrwerk Maxhütte GmbH, ArcelorMittal Tubular Products Roman SA, Silcotub SA, Tubos Reunidos Industrial, SL, V & M Deutschland GmbH, V & M France, Vallourec Mannesmann Oil & Gas France u voestalpine Tubular GmbH & Co. KG.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 114, 20.4.2013.

Sentenza tal-Qorti Ċonsej Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2015 – Il-Ġreċċa vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-241/13) ⁽¹⁾

[“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Laħam taċ-ċanga u tal-vitella — Laħam tan-nagħaq u tal-mogħoż — Tabakk — Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 — Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 — Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004”]

(2016/C 048/49)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: I. Chalkias, S. Papaioannou u A. Vasilopoulou, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Marcoulli u D. Triantafyllou, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2013/123/UE, tas-26 ta' Frar 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 67, p. 20), sa fejn teskludi ġertu nfiq imwettaq mir-Repubblika Ellenika.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2013/123/UE, tas-26 ta' Frar 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa fejn teskludi ġertu nfiq imwettaq mir-Repubblika Ellenika, fis-settur tat-tabakk, fir-rigward tas-sena ta' talba 2006.

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika Ellenika għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 207, 20.7.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral 16 ta' Diċembru 2015 – Perfetti Van Melle vs UASI (DAISY u MARGARITAS)

(Kawżi magħquda T-381/13 u T-382/13) (¹)

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għġan trade marks verbali Komunitarji DAISY u MARGARITAS — Raġunijiet assoluti għal rifju — Rifju parzjali ta’ reġistrazzjoni — Assenza ta’ karatru deskridd — Karatru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 048/50)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Perfetti Van Melle SpA (Lainate, l-Italja) (rappreżentant: P. Testa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' April 2013 (Każ R 427/2012-1 u R 430/2012-1), dwar l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni rispettivament tas-sinjal verbali DAISY u tas-sinjal verbali MARGARITAS bħala trade marks Komunitarji, għall-prodotti li ġejjin: “dolcerija, għaqgħina, ħelu, karamelli rotob, marshmallows, karamelli, chewing gum, ġelatina (dolcerija), likorizja, lollipops, toffee, pastilla, zokkor, ċikkulata, kakaw”.

Dispożittiv

- 1) Iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) tal-10 ta' April 2013 (rispettivament il-Każijiet R 427/2012-1 u R 430/2012-1) huma annullati sa fejn dawn ċaħdu l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, rispettivament, tas-sinjal verbali DAISY u tas-sinjal verbali MARGARITAS bħala trade marks Komunitarji, għall-prodotti li ġejjin: “dolcerija, għaqgħina, ħelu, karamelli rotob, marshmallows, karamelli, chewing gum, ġelatina (dolcerija), likorizja, lollipops, toffee, pastilla, zokkor, ċikkulata, kakaw”.
- 2) L-UASI hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 274, 21.9.2013.